

SN 18/21

Dikjarazzjoni tal-Membri tal-Kunsill Ewropew

I. COVID-19

1. L-aċċellerazzjoni tal-produzzjoni, il-konsenja u l-organizzazzjoni tad-distribuzzjoni tal-vaċċini tibqa' essenzjali u urġenti biex tingħeleb il-kriżi. L-isforzi għal dan il-għan għandhom jiġu intensifikati aktar. Aħna nissottolinjaw l-importanza tat-trasparenza kif ukoll tal-użu ta' awtorizzazzjonijiet tal-esportazzjoni. Nirrikonoxxu l-importanza tal-ktajjen ta' valur mondjali u nafferimaw mill-ġdid li l-kumpanniji jridu jiżguraw il-prevedibbiltà tal-produzzjoni tal-vaċċini tagħhom u jirrispettaw l-iskadenzi tal-konsenji kuntrattwali. Nikkonfermaw il-koeffiċjent pro rata tal-popolazzjoni għall-allokazzjoni tal-vaċċini. Nistiednu lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti biex, fi spirtu ta' solidarjetà, jindirizza l-kwistjoni tal-ħeffa tal-konsenji tal-vaċċini fl-allokazzjoni tal-10 miljun doża ta' BioNTech-Pfizer aċċellerata fit-tieni kwart tal-2021.

2. Is-sitwazzjoni epidemjoloġika għadha serja, anke minħabba l-isfidi li għabu magħhom il-varjanti. Ir-restrizzjonijiet, inkluż fir-rigward tal-ivvjaġġar mhux essenzjali, għandhom għalhekk jinżammu għalissa, b'kont meħud tas-sitwazzjoni speċifika tal-komunitajiet transkonfinali, waqt li l-fluss bla xkiel ta' oġġetti u servizzi fis-Suq Uniku għandu jkompli jiġi żgurat, inkluż bl-użu ta' Korsiji Ħodor. Madankollu għandhom jinbdew it-tħejjijiet għal approċċ komuni għat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet, biex jiġi żgurat li l-isforzi jiġu kkoordinati meta s-sitwazzjoni epidemjoloġika tippermetti li l-miżuri attwali jittaffew. Il-ħidma leġiżlattiva u teknika fuq iċ-ċertifikati diġitali interoperabbli u mhux diskriminatorji tal-COVID-19, abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, għandha titmexxa 'l quddiem b'urġenza.
3. L-Unjoni Ewropea ser tkompli ssaħħaħ ir-rispons globali tagħha għall-pandemija. Il-ħidma fuq l-istabbiliment ta' mekkaniżmu għall-kondiviżjoni tal-vaċċini għandha titmexxa 'l quddiem b'mod rapidu sabiex jiġi kkomplementat u appoġġat ir-rwol ewlieni tal-COVAX biex jiġu żgurati l-aċċess universali għall-vaċċini u l-organizzazzjoni tad-distribuzzjoni tagħhom.

II. IS-SUQ UNIKU, IL-POLITIKA INDUSTRIJALI, ID-DIĠITALI U L-EKONOMIJA

4. Aħna nissottolinjaw l-importanza ta' Suq Uniku b'saħħtu, reżiljenti u li jiffunzjona b'mod sħiħ u li jiġu implimentati u infurzati b'mod strett ir-regoli tas-Suq Uniku. Nişqu fuq il-ħtieġa li jissaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza tal-industrija tal-Unjoni Ewropea, inkluż l-SMEs, li tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali tagħha, inkluż permezz ta' mezzi xierqa biex jiġu appoġġati proġetti ta' diversi pajjiżi u biex jiġu indirizzati d-dipendenzi strateġiċi. Barra minn hekk, l-aġġornament tal-istrateġija industrijali għall-Ewropa għandu jqis it-tagħlimiet meħuda s'issa mill-kriżi tal-COVID-19 u jappoġġa l-isforz ta' rkupru.

5. Nenfazzaw l-importanza tat-trasformazzjoni diġitali għall-irkupru Ewropew, għall-prosperità, is-sigurtà u l-kompetittività tagħha u għall-benesseri tas-soċjetajiet tagħna. F'dak il-kuntest, infakkru fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1 u t-2 ta' Ottubru 2020 u tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2020. Barra minn hekk, nissottolinjaw il-ħtieġa li nsaħħu s-sovranità diġitali tal-Ewropa b'mod awtodeterminat u miftuħ billi jiġu żviluppati l-aspetti qawwija tagħha u jitnaqqsu d-dgħufiji tagħha u permezz ta' azzjoni intelliġenti u selettiva, li tippreserva s-swieq miftuħa u l-kooperazzjoni globali. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali" huwa pass biex titwitta t-triq għall-iżvilupp diġitali tal-Ewropa għad-deċennju li jmiss. Nistiednu lill-Kunsill biex jeżaminaha malajr bil-ħsieb tat-tnejn tal-Programm ta' Politika Diġitali previst.
6. Barra minn hekk:
- a) nistiednu lill-Kummissjoni tidentifika aktar sistemi ta' teknoloġiji kritiċi u setturi strateġiċi, sabiex insaħħu u nirfinaw l-approċċ tal-politika Ewropea lejhom;
 - b) nistiednu lill-Kummissjoni biex twessa' s-sett ta' għodod ta' politika tal-Unjoni Ewropea għat-trasformazzjoni diġitali, kemm fil-livell tal-Unjoni Ewropea kif ukoll fil-livell nazzjonali, u biex tuża l-istrumenti kollha disponibbli mill-politika industrijali, kummerċjali u ta' kompetizzjoni, mill-ħiliet u l-edukazzjoni, mill-politika ta' riċerka u innovazzjoni u l-istrumenti ta' finanzjament fit-tul biex tiffaċilita t-trasformazzjoni diġitali;

- c) nappellaw għal sfruttament aħjar tal-potenzjal tad-data u tat-teknoloġiji diġitali għall-benefiċċju tas-soċjetà, tal-ambjent u tal-ekonomija, filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet tal-protezzjoni tad-data, tal-privatezza u drittijiet fundamentali oħra rilevanti u tiġi żgurata ż-żamma tad-data meħtieġa biex l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jeżerċitaw is-setgħat legali tagħhom biex jiġġieldu l-kriminalità serja; nirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġi aċċellerat il-ħolqien ta' spazji komuni tad-data, inkluż l-iżgurar tal-aċċess għad-data u l-interoperabbiltà tagħha; nistennu b'interess il-proposta tal-Kummissjoni għal qafas regolatorju għall-Intelliġenza Artifiċjali, u r-rieżami tal-pjan koordinat li jakkumpanjahha, biex titħaffef l-adozzjoni ta' din it-teknoloġija filwaqt li jiġi żgurati s-sikurezza u r-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali; nistiednu lill-Kummissjoni biex tippreżenta malajr il-progress li sar u l-miżuri meħtieġa li fadal biex jiġi stabbiliti l-ispace tad-data settorjali mħabbra fl-istrateġija Ewropea għad-data ta' Frar 2020;
- d) nistiednu lill-koleġiżlaturi biex imexxu 'l quddiem b'mod rapidu l-ħidma dwar il-proposti tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-Att dwar is-Swieq Diġitali u l-Att dwar il-Governanza tad-Data bil-ħsieb li jittejjbu l-aċċess għad-data u l-kondiviżjoni, il-ġbir u l-użu mill-ġdid tagħha u jissaħħaħ is-Suq Uniku għas-servizzi diġitali billi jinħoloq spazju diġitali aktar sikur u kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni biex jitrawmu l-innovazzjoni u l-kompetittività;
- e) nistiednu lill-Kunsill biex imexxi 'l quddiem il-ħidma dwar il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea;
- f) nappellaw li l-isforzi ta' komunikazzjoni internazzjonali tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jissaħħu kemm bilateralment kif ukoll permezz ta' fora u organizzazzjonijiet rilevanti bil-għan li jiġu promossi l-istandards diġitali tal-UE u jiġi żviluppati regoli diġitali globali f'kooperazzjoni mill-qrib ma' sħab tal-istess fehma;

- g) nisħqu fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati b'mod urġenti l-isfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija biex jiġi żgurat li l-operaturi kollha jħallsu s-sehem ġust tagħhom ta' taxxa. Intennu l-preferenza u l-impenn qawwija tagħna għal soluzzjoni globali dwar it-tassazzjoni diġitali internazzjonali u ser nistinkaw biex tinstab soluzzjoni bbażata fuq il-kunsens sa nofs l-2021 fil-qafas tal-OECD. Nikkonfermaw li l-Unjoni Ewropea ser tkun lesta li timxi 'l quddiem jekk ma jkunx hemm il-prospett ta' soluzzjoni globali. Infakkru li, bħala bażi għal riżorsa proprja addizzjonali, fl-ewwel semestru tal-2021 il-Kummissjoni ser tressaq proposta dwar imposta diġitali, bil-ħsieb tal-introduzzjoni tagħha sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2023.
7. Bil-ħsieb tas-Summit Soċjali li jmiss f'Porto, nissottolinjaw li tranżizzjoni diġitali ta' suċċess teħtieġ li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Għandna bżonn l-ġhodod u l-infrastruttura meħtieġa kif ukoll il-ħiliet, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid filwaqt li niżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u standards għoljin fl-ekonomija diġitali.
8. Aħna napprovaw l-oqsma ta' politika prijoritarji tal-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli u nistiednu lill-Istati Membri biex jirriflettuhom fil-Pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

III. LVANT TAL-MEDITERRAN

9. Kellna diskussjoni dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant tal-Mediterran u dwar ir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mat-Turkija u nilqgħu l-Komunikazzjoni Konġunta dwar "Is-sitwazzjoni attwali tar-relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u kummerċjali bejn l-UE u t-Turkija" mħejjija mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni kif mitlub mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2020.
10. Infakkru li l-Unjoni Ewropea għandha interess strateġiku f'ambjent stabbli u sigur fil-Lvant tal-Mediterran u fl-iżvilupp ta' relazzjoni ta' kooperazzjoni u ta' benefiċċju reċiproku mat-Turkija. Nilqgħu t-tnaqqis reċenti tat-tensjoni fil-Lvant tal-Mediterran permezz tal-waqfien ta' attivitajiet ta' tħaffir illegali, it-tkomplija ta' taħditiet bilaterali bejn il-Greċja u t-Turkija u t-taħditiet li ġejjin dwar il-problema ta' Ċipru taħt il-patroċinju tan-Nazzjonijiet Uniti.

11. Dment li t-tnaqqis attwali tat-tensjoni jkun sostnut u t-Turkija timpenja ruħha b'mod kostruttiv, u soġġett għall-kondizzjonalitajiet stabbiliti f'konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill Ewropew, sabiex tkompli tissaħħaħ id-dinamika aktar pożittiva reċenti, l-Unjoni Ewropea hija lesta li flimkien mat-Turkija tkun involuta b'mod gradwali, proporzjonat u riversibbli biex issaħħaħ il-kooperazzjoni f'għadd ta' oqsma ta' interess komuni u tiegħu deċiżjonijiet ulterjuri fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Ġunju:
- a) fir-rigward tal-kooperazzjoni ekonomika, nistiednu lill-Kummissjoni tintensifika it-taħditiet mat-Turkija biex tindirizza diffikultajiet kurrenti fl-implimentazzjoni tal-Unjoni Doganali, filwaqt li tiżgura l-applikazzjoni effettiva tagħha fl-Istati Membri kollha, u b'mod parallel nistiednu lill-Kunsill biex jaħdem fuq mandat għall-immodernizzar tal-Unjoni Doganali. Tali mandat jista' jiġi adottat mill-Kunsill soġġett għal gwida addizzjonali mill-Kunsill Ewropew;
 - b) aħna lesti li nniedu djalogi ta' livell għoli mat-Turkija dwar kwistjonijiet ta' tħassib reċiproku, bħas-saħħa pubblika, il-klima, il-ġlieda kontra t-terroriżmu kif ukoll kwistjonijiet reġjonali;
 - c) nistiednu lill-Kummissjoni tesplora kif tista' tissaħħaħ il-kooperazzjoni mat-Turkija dwar il-kuntatti bejn il-persuni u dwar il-mobbiltà.
12. Nappellaw lit-Turkija biex tastjeni minn provokazzjonijiet imġedda jew azzjonijiet unilaterali bi ksur tad-dritt internazzjonali. Filwaqt li nqisu l-Komunikazzjoni Konġunta, aħna nafferma mill-ġdid id-determinazzjoni tal-Unjoni Ewropea, f'każ ta' tali azzjoni, li tuża l-istrumenti u l-għażliet għad-dispożizzjoni tagħha biex tiddefendi l-interessi tagħha u dawk tal-Istati Membri tagħha kif ukoll biex tissalvagwardja l-istabbiltà reġjonali.
13. Napprezzaw li t-Turkija tospita madwar 4 miljun refuġjat Sirjan u naqblu li l-assistenza tal-Unjoni Ewropea għar-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti għandha titkompla. Nistiednu lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta lill-Kunsill għall-kontinwazzjoni tal-finanzjament tar-refuġjati Sirjani fit-Turkija, kif ukoll fil-Ġordan, il-Libanu u partijiet oħra tar-reġjun.

14. Dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni, fil-qafas tal-istrateġija usa' tal-UE li tinkludi r-rotot migratorji kollha, il-kooperazzjoni mat-Turkija għandha tiġi msaħħa, b'mod partikolari f'oqsma bħall-protezzjoni tal-fruntieri, il-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali, kif ukoll ir-ritorn ta' migranti irregolari u ta' persuni li jfittxu l-ażil rifjutati lejn it-Turkija, f'konformità mad-dikjarazzjoni UE-Turkija, applikata b'mod nondiskriminatorju.
15. Infakkru fil-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill Ewropew u nibqgħu impenjati b' mod sħiħ għal soluzzjoni komprensiva tal-problema ta' Ċipru f'konformità mar-risoluzzjonijiet rilevanti tal-KSNU (partikolarment 550, 789, 1251). Nistennu b'interess li jerġgħu jibdwu in-negozjati taħt il-patroċinju tan-Nazzjonijiet Uniti li fihom l-Unjoni Ewropea ser tipparteċipa bħala osservatur, u ser ikollha rwol attiv fl-appoġġ għan-negozjati, inkluż bil-ħatra ta' rappreżentant għall-Missjoni ta' Bon Offiċji tan-NU.
16. L-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali jibqgħu preokkupazzjoni ewlenija. L-immirar tal-partiti politiċi u l-media u deċiżjonijiet reċenti oħra jirrappreżentaw disfatti kbar għad-drittijiet tal-bniedem u jmorru kontra l-obbligi tat-Turkija li tirrispetta d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tan-nisa. Id-djalogu dwar tali kwistjonijiet jibqa' parti integrali tar-relazzjoni bejn l-UE u t-Turkija.
17. B'mod konsistenti mal-interessi kondiviżi tal-UE u t-Turkija għall-paċi u l-istabbiltà fl-ambjent tagħhom, aħna nistennu li t-Turkija u l-atturi kollha jikkontribwixxu b'mod pożittiv għas-soluzzjoni ta' kriżijiet reġjonali bħal dawk tal-Libja, is-Sirja, u l-Kawkasu tan-Nofsinhar u ser nibqgħu viġilanti dwar din il-kwistjoni.
18. Nistiednu lir-Rappreżentant Għoli biex imexxi 'l quddiem il-ħidma fuq il-Konferenza Multilaterali dwar il-Lvant tal-Mediterran.
19. Ser inkomplu nsegwu mill-qrib l-iżviluppi u nfittxu approċċ koordinat. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu f'Ġunju.

IV. RUSSJA

20. Ġejna infurmati dwar l-aħħar żviluppi fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Russja. Ser norganizzaw dibattitu strateġiku flaqgħa tal-Kunsill Ewropew li jmiss.